IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru26 (sitta u għoxrin) tad-disa’ (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 11 ta’ Awwissu, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttigieg |
| | Raymond Duncan |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**26.1. Item Nru 26.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

26.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.39pm u kulħadd kien preżenti.

**26.2. Item Nru. 26.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 25 ittieħdu moqrija u ġew approvati unanimament.

**26.3 Item Nru. 26.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.3.1 Is-Sindku tkellem rigward il-palm tax-xatt u qal li dawn tħawlu kollha għalhekk issa ser inkunu qed inħallsu lill-kuntratturi u mbgħad niġu rimborsi lura mil-ERA.

26.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni tal-barrier ta’ Triq Orlando Zabbar u qal li għadna ma smajna l-ebda risposta dwarha.

26.3.3 Is-Sindku tkellem fuq il-ħsarat tal-prominade ikkawżati mil-maltempata Harry u qal li l-Kunsill baqa’ jibgħat ir-reminders sabiex inkunu nafu meta ser isir dan ix-

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2681832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

xogħol ta' tiswija u rinfurzar. Minn l-aħħar informazzjoni li għandu issa qalu li ser jibda f'Settembru.

26.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' toroq ġodda imwiegħda minn Infrastruttura Malta fix-Xgħajra. Huwa kompla u qal li bgħatnilhom sabiex inżidu ukoll Triq Leonard Mahoney kif ukoll Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Issa nistennew sabiex ituna appuntament u niltaqgħu. L-email intbgħatet lil Infrastruttura Malta u anke lic-CEO Steve Ellul.

26.3.5 Is-Sindku qal li r-riċerka fuq l-ismijiet tat-toroq ser issir minn Doris Borg sabiex ikollna informazzjoni ta' min huma l-persuni li għandna toroq imsemmija għalihom.

26.3.6 Is-Sur Attard qal li l-bollard ta' Triq San Ġakbu hija fil-ħsieb li ssir bħal ma kienet u għalhekk ma jkunx hemm għalfejn permess minn TM. Is-Sur Michael Mifsud qal li bħalissa għaddej studju dwar it-toroq fix-Xgħajra inkluż sinjali, t-tabelli u bollards sabiex inkunu dejjem konformi. Għalhekk il-quddiem ser ikollna dan l-istudju f'idejna u nkunu nistgħu nimxu miegħu aħjar.

26.3.7 Is-Sur Attard tkellem dwar it-tender tal-cameras u ippreżenta l-evaluation report. Huwa qal li fuq rakkomandazzjoni mil-Bord tal-Evalwazzjoni qed jipproponi li napprovaw l-offerta tal-irħas offerent. Kien hemm qbil unanimu li tintgħażel l-offerta b'valur ta' €39K.

26.3.8 Is-Sindku qal li għandu stedina għal Brussel u oħra għal Vatican mil-Papa. Dan informa li ser ikun qed jirrappreżenta x-Xgħajra ser ikun hemm spejjeżrelatati ta' Per diem.

Huwa kompla u qal li hemm opportunita oħra għal Barcelona u talab jistax imur xi ħadd ieħor minflok. Is-Sur Michael Mifsud qal li ser ikun qed imur hu.

26.3.9 Is-Sur Attard qal li l-proġett li sar mar-Reġjun tar-reċta max-xatt u l-open ċinema bil-Malti fil-Belveder intlaqgħu tajjeb mar-residenti u kien hemm parteċipazzjoni numeruża.

26.3.10 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni mal-klabb tal-futboll Xgħajra Tornados u qal li minkejja pprovajna insibu ftehim dawn xorta ma aċċettawx.

Is-Sur Attard kompla u qal li għandna filmati li juru li nqala bieb mil-binja tan-nursery u ittieħed fuq Van. Apparti hekk saret ħsara fuq il-locks b'valur ta' €600 u ittieħdu CCTV u Wifi decoder. Għalhekk għamilna rapport mal-Pulizija sabiex jinfetaħ każ. Il-Pulizija infurmawh li mhux ser jipproċedu għaliex fil-preżent hemm każ bil-kontra mil-President tax-Xgħajra Tornados kontra s-Sindku u jridu jaraw kif ser jinqata'

Waqt laqgħa li saret ma' Mark Cutajar, persuni mil-Ministeru tal-Isports u persuna f'isem il-Klabb Kenneth Swain huma talbu l-aċċess tal-binja biex jintuża mil-players però fuq parir tal-avukat tagħna qalilna li aħjar le għalissa għax tiġi kontrina. Huma issa krew grawnd l-Isla u qed jittrenjaw hemm.

**26.4 Item Nru 26.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.4.1. Is-Sur Michael Mifsud ippropona li ssir ordni fuq tal-Caravans għax qed ikun hemm ħafna storbju u qed jilmentaw ir-residenti. Is-Sindku qal li aħjar nitkellmu mal-Community Policing forsi jistgħu jagħmlu rondi aktar ta' spiss.

26.4.2 Is-Sur Mifsud ippropona li isiru bankijiet fejn hemm il-konkos lejn in-naħa tad-drenaġġ għax qatt ma kien hemm u talbuhom ir-residenti.

26.4.3 Is-Sur Mifsud ippropona li quddiem iz-zuntier tal-knisja jingħalaq bil-bollards sabiex ma jsirx parkeġġ hemm. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u jsiru bollards li jinqalgħu u jkunu b'katnazz.

26.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet dwar il-Presepju li kienet ippproponiet fil-laqgħat preċedenti. Is-Sindku qallha sabiex tieħu ħsiebha hi.

26.4.5 Is-Sa. Doris Borg staqsiet dwar l-Airconditioner fil-Librerija u s-Segretarju informa l-Kunsill li sid il-post ikkonferma li mhux ser ikompli l-kirja għaliex jixtieq ibiegħ. Għalhekk mhux għaqli li jiġi installat AC f'dan l-istadju.

26.4.6 Is-Sa. Borg issuġġeriet sabiex nirreklamaw fuq il-paġna ta' Facebook sabiex inħeġġu r-residenti japplikaw għall-passaport tal-Heritage u jkunu jistgħu jidħlu f'positijiet storiċi minajr ħlas.

26.4.7 Is-Sa. Borg issuġġeriet li niċċekkjaw nistgħux nitolbu għad-Devoluzzjoni tal-binja tal-Għassa tal-Pulizija li fil-preżent ma tintużax. B'hekk inkunu nistgħu nikkonvertuha f'Berġa.

26.4.8 Is-Sa. Borg qalet li għandna problema bil-BCRS li qed isir abbuż u jarmu l-fliexken il-ħżiena fl-għalqa ta' wara l-magna. Is-Sindku ikkonferma u qal li ser jipprova jitlob li ssir max-Xatt.

26.4.9 Is-Sa. Borg qajmet punt u indirizzat lil Kunsillier Raymond Duncan dwar post fuq Facebook li jsemmi dgħajsa li qed tkun quddiem ix-xatt tax-Xgħajra ta' kuljum s-Sur Duncan staqsa jekk hux xi ħaġa relatata ma *land reclamation.* Is-Sa. Borg sostniet li dan kien kumment mhux xieraq u li jista jkun ta' propoġanda. Is-Sur Duncan qal li hu staqsa dak li qed jistaqsu n-nies għaliex fil-passat kien hemm diġà artiklu dwar din il-possibilta u għalhekk ma ħassu li għamel xejn ħażin.

Is-Sindku fuq dan il-punt qal li dik id-dgħajsa ma għandha x'taqsam xejn ma *land reclamation* biss qed isir studju. Tkellem ukoll mal-Prim Ministru u ma jafx min fejn inqalat tal-*land reclamation.*

IX-XGHAJRA

26.4.10 Is-Sur Raymond Duncan staqsa dwar permess li hemm fi Triq Dwardu Ellul li bħala dettalji għandu li l-iżvilupp ser isir Triq Alof De Wignacourt u Triq l-iskola li fil-fehma tiegħu jidher li hemm żball għaliex ma jmissux ma xulxin.

26.4.11 Is-Sur Duncan qal li kellna laqgħa mas-Sur Darren Grasso minn SEM u dan infurmana bi proġetti li nistgħu napplikaw għalihom u li SEM jistgħu jgħinu fil-mili u proċess tal-applikazzjoni.

Fis-6.25pm is-Sinjura Doris Borg talbet tiskuza ruħha mil-laqgħa.

26.4.12 Is-Sunjura Antonia Buttigieg qalet li tkellmet ma' Project Green dwar il-Belveder u infurmathom li l-bir issa lest u fih l-ilma. Għalhekk issa ser nistennew mingħandhom.

**26.5 Item Nru. 26.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

26.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-mitkub.

**26.6 Item Nru. 26.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

26.6.1 Is-Segretarju fakkar fl-emails li qed nirċievu ta' kuljum dwar talba għal lines minn Triq il-Fabbriki u l-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux sakemm isir dan ir-rapport.

**26.7 Item Nru. 26.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

26.7.1 Pagamenti b'numru 25 ġew approvati unanimament.

**26.8 Item Nru. 26.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

26.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**26.9 Item Nru. 26.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

26.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.35pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 9 ta' Settembru fl-4.00pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |